# Evita Sħubija ta' Ħsara!

**Istruzzjonijiet:** Agħmel dan l-istudju f'post kwiet. Hekk kif taqra l-iskritturi, immaġina li int qiegħed f'nofs dik il-ġrajja. Ġib ix-xena quddiem għajnejk. Isma' lin-nies jitkellmu. Ħoss l-emozzjonijiet tal-karattri. Aħseb dwar ir-rakkont bħallikieku huwa reali.

**Karattri prinċipali:** Dina, Sikem, Ġakobb, Simegħon, u Levi

**Sommarju:** Dina tiġi stuprata minn Sikem, u ħutha li huma mgħaddbin ifittxu l-vendetta.

## ❶ *ANALIZZA X-XENA.—AQRA ĠENESI 34:1-31.*

Liema attivitajiet taħseb li Dina kienet tieħu sehem fihom ma' sħabha f'Kangħan? ______

B'liema tip ta' raġunar timmaġina li Sikem baqa' "jkellimha biex jipperswadiha" lil Dina? ______

Liema emozzjonijiet tħoss fil-leħen ta' Ġakobb meta jċanfar lil Simegħon u Levi f'vers 30? ______

## ❷ *ĦAFFER IKTAR FIL-FOND.*

Dina għala taħseb li kienet iżżurhom spiss lill-bniet ta' Kangħan? (Pereżempju, x'seta' kellha inkomuni magħhom? X'setgħet forsi ssib fost in-nies ta' Kangħan li ma setgħetx issib id-dar?) ______

Liema kwalitajiet attraenti setgħet rat Dina f'Sikem? (*Erġa' aqra versi 3, 12, u 19.*)

Il-Bibbja kif tindika li Dina ma riditx tieħu sehem fl-att sesswali? (*Erġa' aqra vers 2.*)

Taħseb li kien xieraq għal Simegħon u Levi li jagħmlu vendetta billi joqtlu lill-abitanti tal-belt ta' Sikem? Għala, jew għala le?



### ❸ *APPLIKA DAK LI TGĦALLIMT. IKTEB X'TGĦALLIMT DWAR . . .*

Il-bżonn li tagħżel lil sħabek b'mod għaqli.

Il-bżonn tar-rażan, anki jekk ikollok raġun tkun irrabjat.

### *GĦAL IKTAR APPLIKAZZJONI.*

Liema passi tista' tieħu biex tevita li tiġi esplojtat sesswalment minn nies li m'għandhomx rispett għal-livelli morali t'Alla?

### ❹ *LIEMA ASPETT F'DAN IR-RAKKONT HU L-IKTAR SINIFIKANTI GĦALIK, U GĦALA?*

www.jw.org © 2011 Watch Tower Bible and Tract Society of Pennsylvania